MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-8 ta' Jannar, 2015

Rikors Kongunt Numru. 465/2014

**AB**
**u**
**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors kongunt li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremettew:

Illi l-partijiet zzewgu fit-tmienja u ghoxrin ta' Mejju tas-sena elf disa mija u tlieta u disghin (kopja tac-certifikat taz-zwieg annessa u mmarkata bhala Dokument "EM1") u li minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal;

Illi permezz ta' kuntratt datat **erbatax ta' Novembru tas-sena elfejn (2000)** fl-atti tan-Nutar Anthony Abela, sehhet il-firda personali bejn il-partijiet u giet tterminata u llikwidata il-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet (Kopja legali annessa u mmarkata Dokument 'EM2');

Illi skont l-imsemmi kuntratt, l-ebda manteniment ma huwa dovut bejn il-partijiet ghall-htigijiet taghhom personali u ma hemm l-ebda kwistjoni bejn il-partijiet dwar il-manteniment;

Illi ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talbu li din il-Qorti joghgobha :

1. Tiddikjara li z-zwieg bejn il-partijiet hu mahlul u li l-partijiet huma divorzjati ghall-effetti kollha tal-Ligi;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien prefiss mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan ikun registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-4 ta' Novembru, 2014;

Rat l-affidavits bix-xhieda tal-partijiet;

Rat in-nota ta' AB sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha ossia Zu tilqa' din it-talba;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvaw illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-14 ta’ Novembru, 2000;

Illi ir-rikorrenti ippruvaw illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejniethom u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ hlas ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa it-talba tar-rikorrenti sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha Z u qeghda tilqa ukoll it-talbiet l-ohra tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------